Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9332/26

LIMITE

CORLX 473
CFSP/PESC 701
COEST 373
FIN 684

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/…**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK**
**dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK[1].

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid li l-appoġġ persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi sabiex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa li għadha għaddejja u qed teskala kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajjef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/145(1)/oj).



PUBLIC

(4) B’mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 9 persuni u 45 entità jiżdiedu fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

PUBLIC

## ANNESS

PUBLIC

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "2048. | Oleg Igorevich FISHELEV | Funzjoni: Sid ta' LLC Unimatik<br>Data tat-twelid: 18.11.1986<br>Post tat-twelid: l-eks USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>INN: 668501138190 | Oleg Fishelev huwa sid LLC Unimatik. LLC Unimatik hija manifattur, importatur u bejjiegħ bl-ingrossa Russu ta' magni ta' kontroll numeriku bil-kompjuter (CNC), u l-partijiet marbuta magħhom, li jforni lil kumpaniji fil-qasam tad-difiża Russi, bl-użu wkoll tas-sussidjarja tagħha LLC Unimatik MSK. Unimatik forniet lil JSC "Plant No. 9", JSC "Uralvagonzavod", JSC "Almaz-Antey", u JSC "Corporation Tactical Missile Weapons", fost oħrajn.<br>Għalhekk, OLEG Fishelev qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2049. | Oleg Nikolaevich YEVTUSHENKO<br>bir-Russu: Олег Николаевич ЕВТУШЕНКО | Funzjoni: Direttur Eżekuttiv ta' Rostec State Corporation<br>Data tat-twelid: 9.11.1975<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Oleg Yevtushenko ilu mill-2018 id-Direttur Eżekuttiv ta' Rostec State Corporation. Rostec hija l-aktar korporazzjoni tad-difiża importanti fir-Russja, li tikkonsisti fil-kumpaniji ewlenin tal-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Għalhekk, Oleg Yevtushenko qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. | + |
| 2050. | Pavel NIKITIN | Funzjoni: Sid Rustakt LLC<br>Entità assoċjata: Rustakt LLC | Pavel Nikitin huwa individwu Russu mwieled il-Belarussja li huwa involut f'diversi kumpaniji li jarmaw Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-użu militari għall-kumpless militari u industrijali tar-Russja. Huwa sid Rustakt LLC, li timporta komponenti għall-UAVs u tarma l-UAVs. Barra minn hekk huwa involut fil-kumpanija Santext LLC, li timporta UAVs ġewwa l-Belarussja biex jiġu esportati mill-ġdid lejn ir-Russja. Għalhekk, Pavel Nikitin qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fil-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2051. | Aleksei Lvovich RAKHMANOV<br>bir-Russu: Алексей Львович РАХМАНОВ | Funzjoni: Membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defence Enterprises, konsulent tad-Direttur Ġenerali ta' Rostec State Corporation, Membru u eks Direttur Ġenerali tal-Bord tad-Diretturi ta' United Shipbuilding Corporation<br>Data tat-twelid: 18.7.1964<br>Post tat-twelid: Gorky (Nizhny Novgorod), USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>ID tat-Taxxa Nazzjonali: 525900723537<br>Entitajiet assoċjati: JSC United Shipbuilding Corporation; Il-League for Assistance to Defence Enterprises | Aleksei Rakhmanov huwa membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa li, fost affarijiet oħra, hija ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa.<br>Mill-2023 Aleksei Rakhmanov huwa wkoll konsulent tad-Direttur Ġenerali ta' Rostec State Corporation, kumpanija soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-manifattur u l-fornitur ewlieni tal-armi Russi lill-forzi armati Russi.<br>Huwa wkoll membru tal-Bord tad-Diretturi u eks Direttur Ġenerali ta' United Shipbuilding Corporation, entità soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u konglomerat Russu tal-bini tal-bastimenti li jappartjeni lill-Istat, li huwa fornitur ta' bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa.<br>Għalhekk, Aleksei Rakhmanov qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2052. | Bekhan Ibrahimovich OZDOYEV<br>bir-Russu: Бекхан Ибрагимович ОЗДОЕВ | Funzjoni: Direttur industrijali tal-Conventional Arms, Ammunition and Special Chemicals Complex ta' Rostec State Corporation; Membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defense Enterprises; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Uralvagonzavod Concern; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Shvabe; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC High-Precision Systems Research and Production Association; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Spetskhimiya; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC NPK Tekhmash; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Izhevsk Mechanical Plant; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Kalashnikov Concern; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC KBAL | Bekhan Ozdoyev huwa d-Direttur Industrijali tal-Conventional Arms, Ammunition and Special Chemicals Complex ta' Rostec State Corporation. Rostec hija l-manifattur u l-fornitur ewlieni tal-armi Russi lill-forzi armati Russi.<br>Bekhan Ozdoyev huwa wkoll membru tal-Bord tad-Diretturi ta' għadd ta' kumpaniji li jagħmlu parti mill-kumpless militari u industrijali Russu u huma soġġetti wkoll għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, bħal JSC Uralvagonzavod Concern, JSC Shvabe u oħrajn.<br>Bekhan Ozdoyev huwa wkoll membru tal-Bureau of the League for Assistance to Defence Enterprises, organizzazzjoni Russa ffukata fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-industrija militari Russa.<br>Għalhekk, Bekhan Ozdoyev qed jappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi jkun involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Data tat-twelid: 28.9.1972<br>Post tat-twelid: Ordzhonikidzevskaya (Sunzha), Sunzhensky District, Chechen-Ingush ASSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2053. | Vasiliy Nikolaevich TIKMENOV<br>bir-Russu: Василий Николаевич ТИКМЕНОВ | Funzjoni: Negozjant<br>Kap tal-Kumpanija b'Ishma Konġunti "Scientific and Technical Center Elins"<br>Data tat-twelid: 6.10.1950<br>Post tat-twelid: Village of Illich in the Pakhtaaral region of the Syrdar region, USSR (issa Uzbekistan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Vasiliy Tikmenov huwa l-kap tal-Kumpanija b'Ishma Konġunti "Scientific and Technical Center Elins ("JSC 'STC Elins'"), li hija parti integrali mill-kumpless militari-industrijali tal-Federazzjoni Russa. JSC "STC Elins" tipproduċi armi u munizzjon, hija involuta fil-produzzjoni ta' komponenti elettroniċi u bordijiet ta' ċirkwiti elettroniċi, timmanifattura kompjuters, tagħmir għat-trażmissjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, strumenti u apparati għall-kejl, l-ittestjar u n-navigazzjoni, wajers u kejbils għal tagħmir elettroniku u elettriku, tiżviluppa software tal-kompjuters u tipprovdi riċerka u żvilupp fil-qasam tax-xjenzi naturali u tekniċi, eċċ. Għalhekk, JSC "STC Elins" għandha rwol sinifikanti fit-twettiq tal-ordnijiet tad-difiża tal-Istat matul l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.<br>Għalhekk, bħala l-kap ta' JSC "STC Elins", Vasiliy Tikmenov qed jappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2054. | Maxim Sergeevich VAKSTEIN<br><br>magħruf ukoll bħala Maxim WAKSTEIN<br><br>bir-Russu: Максим Сергеевич ВАКШТЕЙН | Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Foundation for Advanced Studies<br><br>Data tat-twelid: 26.8.1980<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 672700855501<br><br>Entità assoċjata: Foundation for Advanced Studies | Maxim Vakstein huwa d-Direttur Ġenerali tal-Foundation for Advanced Studies. Il-Foundation for Advanced Studies ġiet stabbilita mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa biex tippromwovi u tiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp ta' armi u tagħmir b'appoġġ għall-Forzi Armati Russi u s-settur tal-produzzjoni militari. Il-Foundation for Advanced Studies iffinanzjat diversi proġetti biex jiġu żviluppati sistemi avvanzati mingħajr bdot abbord għal finijiet militari.<br><br>Għalhekk, Maxim Vakstein qed jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Qed jappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2055. | Tahir GARAYEV<br>magħruf ukoll bħala Takhir Harayev | Funzjoni: Fundatur ta' Coral Energy (aktar tard 2Rivers Group)<br>Data tat-twelid: Jannar 1980<br>Nazzjonalità: Ażerbajġana<br>Sess: raġel<br>Indirizz: 7 Rue De l'Arquebuse, Genève, Switzerland | Tahir Garayev huwa fundatur ta' Coral Energy (aktar tard 2Rivers Group). Permezz ta' network ta' kumpaniji, huwa jippermetti l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari minn Rosneft, billi jaħbi l-oriġini reali taż-żejt. B'mod partikolari, in-network 2Rivers jikkontrolla u juża parti kbira mill-bastimenti fl-hekk imsejħa "flotta mistura" tar-Russja.<br>Għalhekk, Tahir Garayev qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Huwa involut ukoll f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2056. | Konstantin Valerievych ROGACH<br>magħruf ukoll bħala Konstantin Valerievich ROGACH<br>magħruf ukoll bħala Konstantin Valerijevič ROGAČ<br>bir-Russu: Константин Валериевич РОГАЧ | Funzjoni: Sensar tal-assigurazzjoni marittima, sieħeb fil-kumpanija "Maritime Risk Management"<br>Data tat-twelid: 13.10.1979<br>Nazzjonalità: Russa; Iżraeljana<br>Sess: raġel<br>Numri tal-passaport Russu: 767782168; 765305838<br>Numru tal-passaport Iżraeljan: 37456882 | Konstantin Rogach huwa sensar tal-assigurazzjoni marittima u sieħeb fil-kumpanija "Maritime Risk Management". Hu ffaċilita l-kopertura tal-assigurazzjoni u ta konsulenza amministrattiva għall-benefiċċju ta' bastimenti li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja filwaqt li jwettqu prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli, kif ukoll ta' kumpaniji b'rabtiet mal-hekk imsejħa "flotta mistura" Russa. Biex jgħatti u jaħbi din l-attività huwa uża network ta' kumpaniji fittizji li jiffunzjonaw bħala aġenti ta' pagament.<br>Għalhekk, Konstantin Rogach qed jagħti appoġġ materjali lill-operat tal-bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u jipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | +"; |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "775. | Limited Liability Company "Dilmas"<br>bir-Russu: OOO "ДИЛМАС" | Indirizz: Nakhodka a/ya 46, Nakhodka, 692926, Russian Federation<br>OMI: 5545171<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "Dilmas" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Russja u l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Nord, Geliodor u Amazonit. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "Dilmas" topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 776. | Limited Liability Company "KORD COMPANY" | Indirizz: Tralovaya street 17, Murmansk, 183001, Russian Federation<br>OMI: 5705072<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "KORD COMPANY" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Russja. Hija l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Kord Wind, Kord Arctic u Kord, kif ukoll sid il-bastiment Kord Atlantic. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "KORD COMPANY" topera u tippossedi bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 777. | Limited Liability Company "MORSKOY STANDARD" | Indirizz: Office 206, Vladivostokskaya street 37, Petropavlovsk-Kamchatskiy, 683024, Russian Federation<br>OMI: 5371527<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "MORSKOY STANDARD" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Russja u l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Protey, Peley u Akhilles. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "MORSKOY STANDARD" topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 778. | Moonstone Maritime Corporation | Indirizz: 80 Broad Street, Monrovia, Liberia<br>Post prinċipali tan-negozju: Liberia | Moonstone Maritime Corporation hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fil-Liberja u l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Sikar, Samira, Eminent u Canara. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Moonstone Maritime Corporation topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 779. | Trans KA Tankers Management Company Limited | Indirizz: Daire 57, Denizciler İş Merkezi, Sahil Bulvari No.126, Aydıntepe Mah, Tuzla, Istanbul, 34947, Türkiye<br>OMI: 1509747<br>Post prinċipali tan-negozju: Türkiye | Trans KA Tankers Management Company Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fit-Turkija u hija l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Haci Kemal Ka, Lycia Ka u Sumer. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Trans KA Tankers Management Company Limited topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | [+] |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 780. | Alacritas Shipping FZE | Indirizz: Office E-41F-44, P1-ELOB, Hamriyah Free Zone, Sharjah, 0044101, United Arab Emirates<br>OMI: 0044101<br>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates | Alacritas Shipping FZE hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda li tispeċjalizza fl-għoti ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Everdine u Charminar. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Alacritas Shipping FZE timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 781. | Albatross Shipmanagement LLC-FZ | Indirizz: 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates<br>OMI: 0156598<br>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates | Albatross Shipmanagement LLC-FZ hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda u l-maniġer tekniku tal-bastimenti Zaliv Aniva, Zaliv Baikal u Zaliv Vostok. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Albatross Shipmanagement LLC-FZ timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 782. | Dreamer Shipmanagement LLC-FZ | Indirizz: 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates<br>OMI: 0032244<br>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates | Dreamer Shipmanagement LLC-FZ hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda li tispeċjalizza fl-għoti ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Level, Celt u Camel. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Dreamer Shipmanagement LLC-FZ timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 783. | East Gemi İşletmeciliği AS | Indirizz: Ic Kapi 111, A Blok, Hukukcular Towers, Mustafa Kemal Caddesi 66A, Cevizli Mah, Kartal, Istanbul, 34865, Türkiye<br>OMI: 0026325<br>Post prinċipali tan-negozju: Türkiye | East Gemi İşletmeciliği AS hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata t-Turkija li tispeċjalizza fl-għoti ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Azure, Jasper u Storm Pearl. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, East Gemi İşletmeciliği AS timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 784. | EMT Gemi İşletmeciliği AS | Indirizz: Yesilkoy Halkali Caddesi 93/2, Senlikkoy Mah, Bakirkoy, Istanbul, 34153,<br>OMI: 0115002<br>Post prinċipali tan-negozju: Türkiye | EMT Gemi İşletmeciliği AS hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata t-Turkija li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Quartz, South Star u Opal. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, EMT Gemi İşletmeciliğiAS timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 785. | ESEA Venture Shipping Management LLC | Indirizz: Office 1401, Prism Tower 139, Al Mustaqbal Street, Business Bay, Dubai, United Arab Emirates<br>OMI: 6472902<br>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates | ESEA Venture Shipping Management LLC hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata l-Emirati Għarab Magħquda li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Wind, Dakar u Eridan. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, ESEA Venture Shipping Management LLC timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 786. | Limited Liability Company "GAZPROMNEFT SHIPPING" | Indirizz: Lit 0, Gapsalskaya street 1, St. Petersburg, 198035, Russian Federation<br>OMI: 5438351<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "GAZPROMNEFT SHIPPING" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Omsk, Olanga u Murmansk. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "GAZPROMNEFT SHIPPING" timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja, u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 787. | "Global Ship Solutions" LLC | Indirizz: Apartment 28, Building 5, Estate 4, Sumqayit, 5000, Republic of Azerbaijan<br>OMI: 0025707<br>Post prinċipali tan-negozju: Republic of Azerbaijan | "Global Ship Solutions" LLC hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Repubblika tal-Ażerbajġan li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Fulger, Deneb u Odune. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, "Global Ship Solutions" LLC timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 788. | Glory Shipping HK Limited | Indirizz: Unit 601, 6th Floor, LT Tower 31, Chong Yip Street, Kwun Tong, Kowloon, Hong Kong<br>OMI: 0082952<br>Post prinċipali tan-negozju: Hong Kong | Glory Shipping HK Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata Hong Kong li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Sikar, Samira, Eminent u Canara. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Glory Shipping HK Limited timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 789. | Limited Liability Company"KONTUR SPB"<br>bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью "КОНТУР СПБ" | Indirizz: Zastavskaya 33 street, St. Petersburg, 196034, Russian Federation<br>OMI: 1991146<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "KONTUR SPB" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Odin, Kapitan Shiryaev u Valeriy Zelenko. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "KONTUR SPB" timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 790. | Limited Liability Company "Kord-Bunker" | Indirizz: Polyarnyye Zori street 21/3, Murmansk, 183025, Russian Federation<br>OMI: 5793484<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Limited Liability Company "Kord-Bunker" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Kord Wind, Kord Arctic u Kord, kif ukoll il-maniġer tal-bastiment u l-maniġer tal-ISM ta' Kord Atlantic. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "Kord-Bunker" timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu  irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 791. | LLC Morskoy Standart-Bunker | Indirizz: Room 1, Toporkova street 9/6, Petropavlovsk-Kamchatskiy, 683031, Russian Federation<br>OMI: 5901309<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | LLC Morskoy Standart-Bunker hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Protey, Peley u Arno Babajanyan. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, LLC Morskoy Standart-Bunker timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 792. | OOO Sea Engineering Limited<br>magħrufa wkoll bħala OOO "Si Inzhenering" | Indirizz: K.2.a, Tsiolkovskogo street 9, St. Petersburg, 190020, Russian Federation (kwartieri ġenerali); Office 311, Liter A, Fokina street 5, St. Petersburg, 194044, Russian Federation (uffiċċju)<br>OMI: 5103516<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | OOO Sea Engineering Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata San Pietruburgu li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Nimbus SPB, G. Rossini u G. Puccini. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, OOO Sea Engineering Limited timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 793. | Orchid Shipmanagement LLC-FZ | Indirizz: 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates<br>OMI: 0013015<br>Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates | Orchid Shipmanagement LLC-FZ hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata l-Emirati Għarab Magħquda li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Talisman, Proxima u Prosperity. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Orchid Shipmanagement LLC-FZ timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 794. | Transbunker-Novo Company Limited | Indirizz: Office 147, Svobody street 1, P O Box 129 Glavpochtampt, Novorossiysk, 353900, Russian Federation<br>OMI: 5183861<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Transbunker-Novo Company Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Ulika, kif ukoll tat-tankers tal-bunkering Transbunker u Korsakov. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Transbunker-Novo Company Limited timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 795. | Valkur LLC | Indirizz: Ekipazhnaya street 1, Office 303, Floor 3, Primorsky Territory, Vladivostok, 690001, Russian Federation<br>OMI: 5700831<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Valkur LLC hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata r-Russja li tispeċjalizza fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Andrey Pervozvanniy, Yaroslav Mudryy u Alexander Nevskiy. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Valkur LLC timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
